# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-41 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 11 ta' Mejju 2022 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

41.01 **Talba**

41.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

41.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

41.02.01 Is-D.S.E. nforma li ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji.

41.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat numru 39 u 40**

41.03.01 Il-Minuti tal-laqgħat nru 39 u 40 ġew approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku ippropona u l-Kunsillier Dingli issekonda.

41.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

41.04.01 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mad-DG tal-*Public Cleansing* is-Sur R. Deguara rigward it-tindif tat-toroq arterjali. Hija qalet li ġiet infurmata li t-tindif kien ser jibda jsir fuq bażi regolari wara li kien waqaf għal xi ġimgħat minħabba nuqqas ta' nies. Hija qalet ukoll li t-talba tagħha sabiex isir tindif fi Triq ta-Sejba sa qabel il-festa ġiet milqugħa.

41.04.02 Is-Sindku qalet li ġiet infurmata li xi residenti fi Triq San Bażilju kienu qed jitfgħu l-ikel għal qtates fit-triq filwaqt li fi Triq il-Lanġasa, xi ħadd qed jonxor fuq żiemel tal-ħwejjeġ fit-triq. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra madwar ir-raħal kollu sabiex il-kontenituri tal-ikel għall-qtates jiddaħħlu ġewwa wara li jiġu mitmugħa l-qtates kif ukoll li tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Lanġasa dwar iż-żiemel tal-ħwejjeġ.

41.04.03 Is-Sindku irrimarkat li fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kien hemm numru ta' riklami ta' ħanut tad-*detergents* imwaħħla b'mod illegali ma' sinjali tat-toroq. Kien hemm qbil li ninfurmaw lis-sidien sabiex ineħħu dawn ir-riklami minnufih.

41.04.04 Is-Sindku infurmat li suppost li sa April saret it-tieni Laqgħa tal-Lokalita'. Ġie unanimament deċiż li din issir il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju fis-7.00 pm fl-Isptar il-Qadim u li jsiru l-avviżi skont il-liġi.

41.04.05 Is-Sindku irrimarkat rigward l-istat ħażin li tinsab fih it-Triq tas-Sejba peress li reġgħet niżlet. Hija qalet li kienet diġà tkellmet mal-Ministru konċernat dwar dan u hu għaddiha ma' persuna li se tkun tista' tgħin. Fil-ġranet li ġejjin se tkun qed titlob laqgħa miegħu.

41.04.06 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet talba mir-residenti sabiex Triq l-Isptar issir *One Way*. Wara diskussjoni ġie deċiż li niktbu lir-residenti dwar dan u jekk ikun hemm qbil, issir talba uffiċċjali lil TM.

41.04.07 Is-Sindku issuġġeriet li din is-sena nibdew naħsbu minn kmieni rigward it-tiżjin tal-Milied sabiex ma jiġrix bħas-sena l-oħra u nħallu għall-aħħar.

41.04.08 Rigward l-iskemi li hemm miftuħa bħalissa kien hemm qbil li taħt *Measure 4* tal-Gal Xlokk għandna napplikaw sabiex isir *embellishment* biswit Gate 8 tal-Ajruport fi Triq tas-Sejba. Hija qalet li qabel ma napplikaw irridu niċċekkjaw dwar min huma s-sidien tal-art li fuqha qed nipproponu li jsir l-izvilupp. Rigward l-iskema tal-*Playing Fields* kif diġà ġie approvat, ser nippruvaw sabiex nieħdu € 45,000, filwaqt li d-differenza nġibuha jew mingħand *Parks Malta* jew mill-Fondi tal-UIF (DPF).

41.04.09 Is-Sindku nfurmat li kienet tkellmet mas-Sur K. Cauchi mis-Sovvraintendenza kif ukoll mal-Perit R. Bonnici ta' IM dwar il-Ħajt tal-Matla u kif dan għandu jerġa jinbena kif kien qabel.

41.04.10 Rigward Triq Karmenu Ciantar, is-Sindku qalet li r-residenti jafu li l-fanali waslu u qed isaqsu meta ser jibda x-xogħol però minħabba l-festi ma jkunx għaqli li dan isir għalissa u għalhekk kien hemm qbil li x-xogħol ma jsirx qabel Settembru. Għal dan il-għan hija pproponiet sabiex tibgħat ittra lir-residenti sabiex jiġu nfurmati bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

41.04.11 Is-Sindku nfurmat li kien hemm talba sabiex issir *Sleeping Poli*ceman fi Triq tas-Sejba viċin ir-*roundabout* kif ukoll possibbilment *Zebra Crossing*. Kien hemm qbil li ssir talba f'dan is-sens lil TM.

41.04.12 Is-Sindku qalet li l-*Contracts Manager* jidher li abbanduna għal kollox il-kuntratt u għalhekk hija kienet qed tipproponi li tintbagħat *Termination Letter* kif ukoll li nsarrfu l-Garanzija Bankarja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

41.04.13 Is-Sindku spjegat li din il-ġimgħa kien ser jinħareġ il-kuntratt għall-ġbir tal-iskart fuq bażi reġjonali fejn huwa ttamat li jkun hemm qabża fil-kwalità fis-servizz ipprovdut permezz ta' vetturi ġodda u faċilitajiet oħra fosthom CCTV fuq kull vettura kif ukoll miżien sabiex jindika eżatt kemm ikun inġabar skart minn kull lokalita' Hija qalet li l-kuntratt għandu jidħol fis-seħħ lejn l-aħħar tas-sena.

Hija qalet ukoll li l-GreenMt kienu qed jissuġġerixxu li jsir proġett pilota fejn għal perjodu ta' 6 xhur, il-Kunsilli tar-Reġjun Punent jibda jinġabrulhom l-items WEEE tal-*bulky* minn Green MT stess. Hija semmiet diversi problemi u qalet li hemm ħafna mistoqsijiet għaliex dawn l-istess kuntratturi lanqas biss qed jonoraw il-kuntratt li ffirmaw huma stess li jagħtu boroż b'xejn. Jidher li l-ebda Kunsill tar-Reġjun ma huwa nteressat li jipparteċipa f'dan il-proġett inkluż il-Kunsill tagħna.

41.04.14 Is-Sindku qalet li waqt laqgħa li kellha mas-Sindku preċedenti u d-DSE, kienet ġiet infurmata li l-Kunsill għad fadallu jieħu xi fondi mill-proġett tal-*Green Infrastructure*. Hawnhekk id-DSE informa li 6 xhur wara li l-Kunsill kien issottometta d-dokumentazzjoni meħtieġa, kien ġie nfurmat li l-UE kienet qed issib oġġezzjoni għall-fatt li l-offerta kienet ingħatat bħala *Direct Order* u mhux permezz ta' Offerta. Huwa qal li għalkemm il-Kunsill mexa skont il-liġi, l-UE trid xi ġustifikazzjonijiet u huwa ttamat li bħala riżultat tad-dokumentazzjoni addizzjonali li ser nipprovdu, nkunu finalment nistgħu ningħataw il-flus kollha allokati lilna.

41.04.15 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet diversi lmenti dwar il-konfuzjoni li qed ikun hemm ħdejn l-iskola waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola speċjalment in-naħa ta' Triq tal-Karmnu. Hija qalet li kien ser ikollha laqgħa ma' uffiċċjali tal-LESA sabiex flimkien naraw kif tista' tissolva din il-problema.

41.04.16 Rigward il-Pjazza s-Sindku nfurmat li l-Ministru S. Zrinzo Azzopardi qed jinvolvi ruħu personalment sabiex jara li x-xogħlijiet pendenti jsiru skont is-sengħa u mingħajr dewmien darba għal dejjem. Hija qalet ukoll li għandha titkellem ma' uffiċċjali tal-LESA dwar fejn l-aħjar għandha teħel is-CCTV.

41.04.17 Is-Sindku nfurmat li r-*railing* tal-ħadid mad-dawra tas-*soft area* fi Triq Mikelanġ Sapiano għandu jitlesta sal-ġimgħa d-dieħla filwaqt li rigward il-funtana fil-Ġnien, is-Sur K. Cauchi kien offra l-għajnuna tiegħu sabiex din issir kif suppost.

41.04.18 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet talba sabiex isir *bollard* fi Triq id-Duluri iżda d-DSE informa li TM ma kienitx qed tapprova talbiet simili.

41.04.19 Is-Sindku qalet li ġiet infurmata mill-uffiċju illi kien hemm ordni mis-Sindku preċedenti sabiex napplikaw għal bozoz ġodda : waħda fi Ġnien il-Missjoni ż-Żgħira, waħda ġewwa Sqaq Xagħri Mqalleb (fuq arbli eżistenti) kif ukoll 2 oħra fuq arbli ġodda fi sqaq fi Triq tas-Sejba. Hija qalet illi hija ħasset li għandha twaqqaf kollox u dawn it-talbiet jiġu diskussi fil-laqgħa tal-Kunsill. Intant, l-ewwel 2 talbiet ġew approvati, rigward it-tnejn mal-arbli ġodda ġie deċiż li ssir talba għalihom lill-Ministru M. Dalli minħabba l-ispejjeż involuti.

41.04.20 Is-Sindku nfurmat li kif kienet diġà infurmat b'mod informali, kienet qed taħdem sabiex il-Kunsill jorganizza ħarġa ġewwa Għawdex fit-2 ta' Ġunju kif ukoll ħarġa għal Sqallija fl-10 ta' Settembru.

41.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

41.05.01 Il-Viċi-Sindku nforma li kien ġie nfurmat li hemm bżonn li jsir knis fi Triq l-Imterrqa. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi riferut lil-kuntrattur tal-knis.

41.05.02 Il-Viċi-Sindku issuġġerixxa li jsir tindif fi Triq il-Fjuri. Ġie deċiż li dan is-suġġeriment jiġi riferut lill-kuntrattur tal-knis.

41.05.03 Il-Viċi-Sindku issuġġerixxa li għandhom isiru *Parking* Spaces għall-muturi fil-Pjazza. Is-Sindku qaltlu sabiex jidentifika il-post fejn huwa l-aħjar li dawn isiru.

41.05.04 Il-Viċi-Sindku issuġġerixxa li fir-*roundabouts* tar-raħal għandhom jitħawwlu xi fjuri. Ġie deċiż li dan is-suġġeriment jiġi mgħoddi lill-kuntrattur il-ġdid.

41.05.05 Il-Viċi-Sindku issuġġerixxa li ssir kompetizzjoni tat-tpinġija għat-tfal tar-raħal. Ġie deċiż li din għandha tkun waħda mill-attivitajiet konnessi ma' Jum l-Imqabba 2022.

41.05.06 Il-Viċi-Sindku issuġġerixxa li l-aħħar 2 boroż ikel tal-qtates li baqgħu ma nġabrux għandhom jittellgħu bil-polza fost il-*cat feeders*. Dwar dan kien hemm qbil.

Commented [FM1]:

41.05.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi skema oħra għall-*cat feeders*. Id-DSE informa li bħalissa ma hemmx skemi simili.

41.05.08 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li ssir mera fi Triq Valletta kantuniera ma' Triq it-Torri Vincenti. Kien hemm qbil li malli jiġi identifikat is-sit idejali, din il-mera ssir.

41.05.09 Il-Kunsillier Dingli wera l-fehma li l-Kumitat tat-Tiżjin għandu jiġi xolt peress li ma kienx hemm ir-riżultati li kien qed jistenna. Huwa qal li l-parteċipazzjoni kienet fqira u issuġġerixxa li huwa jibqa' jaħdem mal-għaqdiet skont iċ-ċirkostanzi. Wara diskussjoni dwar is-suġġett, kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lil President ta' kull għaqda membru f'dan is-Sotto Kumitat sabiex jiġi spjegat lilhom ir-raġuni ta' dan ix-xoljiment. Kien hemm qbil ukoll li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom iduru l-fustuni li saru s-sena l-oħra sabiex ma nsibux problemi meta nerġgħu niġu biex nużawhom din is-sena.

41.05.10 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar *update* rigward il-*One Way* fi Triq Kirkop u d-DSE informa li konna għadna qed nistennew mingħand TM.

41.05.11 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar *update* fuq it-talba tagħna sabiex isiru *bollards* fuq il-bankina fi Triq Kirkop u d-DSE informa li aktar kmieni llum konna rċivejna mingħand TM li t-talba tagħna ma kienitx ġiet milqugħa.

41.05.12 Il-Kunsillier Dingli nforma li kien irċieva suġġerimenti sabiex is-*sleeping policeman* tal-konkos li hemm fi Triq Kirkop titneħħa u minflokha jsiru 3 tal-lasktu. Kien hemm qbil li ssir talba f'dan is-sens lil-TM.

41.05.13 Il-Kunsillier Dingli talab *update* dwar is-sitwazzjoni tal-ġibjun il-ġdid u d-DSE informa li l-perit tal-PWD kien informah li diversi residenti tal-inħawi kienu

oġġezzjonaw mal-PA dwar dan l-iżvilupp u għalhekk il-proċess qed jitwal. Huwa qal li ladarba kollox jiġi approvat, għandha ssir sistema ta' *filters* sabiex il-bokkok li hemm ikunu jistgħu jingħalqu.

41.05.14 Il-Kunsillier Dingli nforma li d-dawl fi Triq Valletta kien għadu mhux qed jixgħel. Id-DSE informa li min naħa tal-Enemalta kienu nfurmawna li meta iċċekkjaw kienu sabu kollox tajjeb. Għandu jerġa jsir ilment mal-Enemalta dwar il-każ.

41.05.15 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li jsir *Sleeping Policeman* fi Triq il-Barrieri. Ġie deċiż li qabel issir applikazzjoni ma' TM, għandna nitolbu l-opinjoni tar-residenti.

41.05.16 Il-Kunsillier Dingli talab *update* dwar Sqaq Buħar u d-DSE informa li s-Sindku preċedenti kien informa diversi drabi li IM kienu wegħduh li dan ser isir bil-konkos.

41.06 **Offerti**

41.06.01 Id-DSE informa li wara li kien għalaq iż-żmien għall-appelli għall-ewwel 3 kuntratti ta' din is-sena, ma konna rċivejna l-ebda appell u għalhekk konna ktibna lit-3 kuntratturi magħżula sabiex jippreżentaw il-Garanzija Bankarja sabiex ikun jistgħu jiġu ffirmati l-kuntratti rispettivi. Huwa nforma li l-ħsieb huwa li dawn it-3 kuntratti jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Ġunju 2022.

41.07 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

41.07.01 Korrispondenza mingħand l-Onor. Ministru S. Zrinzo Azzopardi dwar żjara li ser jagħmel fl-uffiċini tal-Kunsill il-Ħamis 26 ta' Mejju fis-6.15 pm. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza.

41.07.02 Korrispondenza mingħand l-Onor. Ministru O. Bonnici dwar żjara fl-uffiċini tal-Kunsill fit-8 ta' Ġunju fis-7.00 pm. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza.

41.07.03 Korrispondenza mingħand l-Onor. Ministru M. Dalli dwar stedina sabiex issir laqgħa magħha ġewwa l-Ministeru fis-16 ta' Ġunju fil-11.00 am. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza.

41.07.04 Korrispondenza mill-Ministeru għal-Inklużjoni, l-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur dwar ostaklu fuq il-bankina permezz ta' *pot* tax-xtieli fi Triq l-Aħwa Ghigo. Ġie unanimament deċiż li niktbu lis-sid sabiex ineħħi dan il-*pot* immedjatament.

41.07.05 Talba sabiex isiru *road markings* u *crash barrier* fi Triq tas-Sejba. Ġie unanimament deċiż li dawn isiru mill-kuntrattur il-ġdid.

41.07.06 Ċirkolari Cir AKL 2022/039 mingħand l-AKL dwar *ECAD Membership*. Il-Kunsill iddeċieda unanimament li ma jipparteċipax f'din l-inizjattiva.

41.07.07 Ċirkolari Cir AKL 2022/047 dwar Binjiet mixgħula bl-aħmar fl-14 ta' Ġunju fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill idawwal il-faċċata tal-Kunsill b'dawl aħmar u għandna niċċekkjaw minn fejn nistgħu nixtru l-kulur meħtieġ għal fuq il-*floodlights* li għandna.

41.07.08 Korrispondenza mingħand l-AKL dwar il-Konferenza Plenarja li ser issir bejn it-18 u 19 ta' Ġunju. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza u irrimarka li l-konferenza ser taħbat lejliet il-festa tal-Madonna tal-Ġilju u minħabba f'hekk il-parteċipazzjoni min naħa tagħna ser tkun limitata.

41.07.09 Korrispondenza mingħand il-Perit R. Farrugia tal-PWD lill-kuntrattur li ħadem fuq l-ispralli fi Triq il-Madonna tal-Ġilju fejn informah li x-xogħol reġa' ma sarx skont is-sengħa. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

41.07.10 Kopja tad-disinn tal-ġnien ta' fuq il-ġibjun mingħand id-*designer* tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill ma qablux li l-ġnien il-ġdid għandu jinkorpora l-Ġnien tal-Ġilju u għalhekk ġie unanimament deċiż li ssir laqgħa mad-*designer* sabiex jiġu spjegati aħjar l-idejat tal-Kunsill.

41.07.11 Korrispondenza mingħand TCTC rigward korsijiet fir-Robotica matul is-Sajf li ġej. Il-Kunsill iddeċieda unanimament li ma jipparteċipax f'din l-inizjattiva.

41.08 **Rapport mis-CRPD rigward il-bankina fi Triq Kirkop**

41.08.01 Is-Sindku ppreżentat ir-rapport li konna rċivejna mingħand is-CRPD rigward l-istat ta' Triq Kirkop u l-bżonn li hemm sabiex din titranġa sabiex tkun tista' tintuża minn persuni bi bżonnijiet speċjali mingħajr problemi. Hija spjegat li l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jidħol għal din l-ispiża waħdu u għalhekk fuq suġġeriment tagħha, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob lill-Onor Ministru S. Zrinzo Azzopardi (Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar) u lill-Ministru J. Farrugia Portelli (Ministru għal-Inklużjoni, l-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur) sabiex jgħinu lil-Kunsill.

41.09 **Sptar il-Qadim**

41.09.01 Peress li sar il-ħin, ġie unanimament deċiż li dan l-*item* jerġa jitpoġġa fuq l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss sabiex issir diskussjoni fuqu.

41.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/41**

41.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/41 ġiet approvata unanimament.

41.10.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul April 2022 ġiet approvata unanimament.

41.11 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

41.11.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:20 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 26 ta' Mejju fl-4:30 pm

Konfermati illum il-Ħamis 26 ta' Mejju 2022.

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Fabian Mizzi |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |